mingħajr ħlas. Għal kunċert ser ikun hemm siġġijiet sabiex l-udjenza tkun tista ssegwi l-kunċert b'mod komdu.
Wara jkun hemm guided tour mal-kumpless Pawlin għal mużiċisti li jkunu ħadu sehem fil-kunċert u persuni b'abbiltajiet diversi.
Fil-11.45am – Kunċertin ta' 30 minuta fuq l-orgni tal-Mużew Wignacourt minn Dr Joseph Camilleri mix-Xagħra, Għawdex. Dħul għal dan il-kunċertin għall-pubbliku huwa inkluż mal-prezz ridott tad-dħul għal Mużew Wignacourt. Din l-offerta ta' prezz ridott qiegħda ssir bil-koperazzjoni u l-permess ġentili tat-tmexxija tal-Mużew Wignacourt li huwa l-Mużew tal-Bażilika Kolleġġjata ta' San Pawl tar-Rabat.
Bejn il-Ħamis 8 ta' Frar u l-Ħadd 12 ta' Frar, it-tmexxija tal-Mużew Wignacourt ser tkun qiegħda toffri skont fuq id-dħul għall-Mużew Wignacourt.
F'dan il-jum ser ikun hemm żjara minn diversi gruppi f'Malta.


EU funds for Malta 2014-2020

Majjistral Action Group

LEADER

Rural Development Programme for Malta 2014-2020

Part financed by the European Union
Co-financing Rate:
75% European Union; 25% Government of Malta

*The European Agricultural Fund for Rural Development: Europe investing in rural areas*

VisitMalta

BOV Bank of Valletta

Mużew Wignacourt

Bażilika ta' San Pawl ir-Rabat

The Janatha Stubbs Foundation

Kunsill Lokali Ir-Rabat

ABERTAX®

GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR INCLUSION AND SOCIAL WELLBEING

THE PLAZA

**Ħajr lill-familja Abela Scolaro għall-għajnuna finanzjarja tagħha b'riżq il-Kunċert.**

Bestprint Co. Ltd, Qrendi • Tel: 21 680 789


## Il-Ħdax-il Attività Kulturali

**Is-Sibt 11 ta' Frar fis-6.30pm – Lecture bis-suġġett *Ir-Rabat u l-istorja tiegħu fil-Fotografija***

Post: Wignacourt Museum (it-tieni sular)

Lecture ta' 45 minuta li qiegħda ssir bil-koperazzjoni tal-Kunsill Lokali Rabat
Merħba mis-Sindku tar-Rabat is-Sur Sandro Craus li taħt il-patroċinju tiegħu qiegħda ssir din il-lecture.
Dħul b'xejn u l-pubbliku mħeġġeġ jattendi.
It-taħdita ssir mill-fotografu Daniel Cilia fuq 'Ir-Rabat u l-istorja tiegħu fil-fotografija' (ritratti kollha fil-ktieb huma tal-istess Daniel Cilia).
Wara t-taħdita, ser ikun hemm il-bejgħ tal-ktieb *Rabat Sacrum*.
Wara li tintemm it-taħdita għal ħabta tas-7.30pm jingħata drink fil-kjostru t'isfel tal-Mużew Wignacourt fejn ikun hemm sessjoni interpretattiva ta' tletin minuta "Meeting the artist" fejn il-pubbliku jkollu l-possibilità li jiltaqa' mal-pittur Mario Sant li huwa Rabti li jgħix il-Qrendi.

## It-Tnax-il Attività Kulturali

**Il-Ħadd 12 ta' Frar fis-2.00pm – Ħarġa fil-kampanja Rabtija**

Bil-koperazzjoni ta' BirdLife Malta Events, bejn is-2pm u l-4pm ser issir ħarġa fil-kampanja Rabtija fl-inħawi tal-Lunzjata u Santa Katerina fejn hemm ser tingħata spjega tad-diversi tjur u għasafar li jbejtu fil-madwar kif ukoll fuq id-diversi fauna li tikber fl-inħawi.
Post tat-tluq: Mill-Pjazza ta' San Pawl
Parteċipazzjoni hija bla ħlas (tingħabar donazzjoni għall-BirdLife Malta wara l-attività) imma hemm bżonn li jsir booking sal-Erbgħa 8 ta' Frar fuq l-indirizz activities@birdlifemalta.org

## It-Tlettax-il Attività Kulturali

**Is-Sibt 18 ta' Frar fil-5pm – Għeluq tal-Agape Festival 2023 permezz ta' Piano Recital fil-Palazz ta' San Anton f'Ħ'Attard** taħt il-patroċinju distint tal-E.T. Dr George Vella President ta' Malta.
Piano Recital ta' 45 minuta mill-pjanista Natalia Rakhmatulina u l-baritonu Joseph Lia.
Wara dan il-kunċertin ser tingħabar ġabra b'risq il-Malta Community Chest Fund Foundation
Dħul għal dan il-kunċert huwa permezz ta' invit. Sabiex wieħed jattendi għandu jikkuntattja lil Fondazzjoni Paulus fuq info@fondazzjonipaulus.org jew iħalli messaġġ privat fuq il-paġna ta' facebook tal-Fondazzjoni Paulus sal-Ġimgħa 10 ta' Frar.
Din hija l-aħħar attività tal-Festival għal din is-sena 2023.




# RABAT AGAPE FESTIVAL 2023

Edizzjoni speċjali tal-Agape Festival fl-okkażjoni tal-għaxar edizzjoni tiegħu

*Festival ta' Arti u Kultura Kristjana Maltija b'enfasi fuq il-Kult Pawlin u l-wirt artistiku u storiku fir-Rabat u l-Bażilika Kolleġġjata Proto-Parroċċa ta' San Pawl, li tinkorpora s-Santwarju-Grotta ta' San Pawl*

FONDAZZJONI PAULUS AD 2014

Festival li jsir fl-okkażjoni tal-Festa tal-Konverżjoni u n-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta

Polittiku li jinsab fil-Mużew Wignacourt - Titular tal-Knisja Parrokkjali l-Antika ta' San Pawl, ir-Rabat
(Ritratt: Daniel Cilia)

# Attivitajiet

## organizzati mill-Fondazzjoni Paulus

**L-Erbgħa 25 ta' Jannar fis-6pm** – Il-Membri tal-Bord tal-Fondazzjoni Paulus u l-ħbieb tal-istess Fondazzjoni jattendu għal quddiesa solenni fl-okkażjoni tal-Festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl ikkonċelebrata mill-Arċipriet u l-Kapitlu tal-istess Bażilika Kolleġġjata tar-Rabat.

### L-Ewwel Attività Kulturali

**Il-Ġimgħa 27 ta' Jannar fil-11am** – Konferenza Stampa fil-Mużew Wignacourt fuq il-festival Agape fil-preżenza tal-Ministru Julia Farrugia Portelli hekk kif il-wirja annwali, din id-darba tal-pittur Mario Sant, tkun armata fil-kjostru tal-istess Mużew tal-Bażilika bejn il-Ġimgħa 27 ta' Jannar u l-24 ta' Frar 2023.
Animazzjoni tal-wirja għall-anzjani u persuni b'diżabilità u wara jkun hemm viżita gwidata mal-kumpless Pawlin.
Dħul għall-pubbliku għal din il-wirja, li tkun fil-kjostru t'isfel tal-Mużew Wignacourt, ikun b'xejn sal-24 ta' Frar.
Bil-koperazzjoni tal-Kummissjoni Tfal, matul il-ġimgħa jkun hemm animazzjoni għat-tfal tal-wirja li tinsab fil-kjostru t'isfel għat-tfal fil-Mużew Wignacourt. Titnieda kompetizzjoni tat-tpinġija għat-tfal.

### It-Tieni Attività Kulturali tal-Festival

**Is-Sibt 28 ta' Jannar 2023 fil-11am** – Żjara mill-E.T. Dr George Vella President ta' Malta u s-Sinjura Miriam Vella u l-istaff tal-uffiċċju tal-President fil-Mużew Wignacourt u l-kumpless Pawlin. Din iż-żjara qiegħda ssir fl-okkażjoni tal-għaxar (10) anniversarju mill-ewwel edizzjoni tar-Rabat Agape Festival.

### It-Tielet Attività Kulturali tal-Festival

Fl-okkażjoni tal-għaxar edizzjoni tal-Agape Festival li qegħdin niċċelebraw din is-sena, kuljum bejn it-Tnejn 30 ta' Jannar 2023 u l-Ħadd 5 ta' Frar 2023 ser jixxandru lectures u kunċerti tal-passat imtella' mill-Fondazzjoni Paulus fuq Xejk Tv. L-iskeda u l-ħinijiet ser tkun kif ġej:-

**It-Tnejn 30 ta' Jannar 2023, 10.30pm** – Il-Kunċert tas-sena 2022
**It-Tlieta 31 ta' Jannar 2023, 7.00pm** – Lecture fuq in-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta
**L-Erbgħa l-1 ta' Frar 2023, 7.00pm** – Piano Recital minn persuni bi bżonnijiet diversi
**Il-Ħamis 2 ta' Frar 2023, 7.00pm** – Lecture fuq l-elevazzjoni tal-Proto-Parroċċa Kolleġġjata tar-Rabat, għad-dinjità ta' Bażilika Minuri
**Il-Ġimgħa 3 ta' Frar 2023, 10.30pm** – Il-Kunċert tas-sena 2017 – Frisina mill-Kolleġġjata tar-Rabat
**Is-Sibt 4 ta' Frar 2023, 10.30pm** – Il-Kunċert tas-sena 2015 – Fra Alessandro Brustenghi
**Il-Ħadd 5 ta' Frar 2023, 10.30pm** – Il-Kunċert tas-sena 2017 mill-Konkatidral ta' San Ġwann

### Ir-Raba' Attività kulturali

**Il-Ġimgħa 3 ta' Frar fis-7.30pm** – Kunċert Annwali speċjali fl-okkażjoni tal-għaxar (10) edizzjoni tal-Agape Festival organizzat mill-Fondazzjoni Paulus u l-elevazzjoni tal-Proto-Parroċċa Kolleġġjata ta' San Pawl għad-dinjità ta' Bażilika Minuri, liema kunċert qiegħed isir taħt il-patroċinju tan-Nunzju Appostoliku il-ġdid għal Malta l-Eċċellenza Tiegħu Savio Hon Tai-Fai, SDB.

| | |
|---|---|
| Post u Ħin: | Bażilika Kolleġġjata Proto-Parroċċa ta' San Pawl, Ir-Rabat, Malta, fis-7.30pm. Dħul b'xejn - Il-pubbliku huwa mistieden. |

Kunċert orkestrali, korali u awdjoviżiv esegwit mill-Malta Philharmonic Orchestra taħt id-direzzjoni ta' Christopher Muscat bil-parteċipazzjoni tal-kor New Choral Singers (Direttur tal-Kor: Mauro Farrugia).

Repertorju

| | |
|---|---|
| Carmelo Pace | Suite orkestrali minn *Il Divin Poema* |
| Joseph Vella | *Music for a White Dove* |
| Paul Portelli | *L-X ta' Frar 1926* |
| Pawsa letterarja | "Jkellimna San Pawl mill-Grotta tar-Rabat" Monologu tal-attur Mario Micallef |
| Joseph Abela Scolaro | Innu Ċentinarju Pawlin 1960 |
| Joseph Abela Scolaro | Cantata: San Pawl ('60 – 1960) |

### Il-Ħames Attività Kulturali

**Is-Sibt 4 ta' Frar fis-6.30pm** – Insellmu lil Mons. Ġwann Azzopardi: storiku u edukatur.
Lecture ta' 45 minuta ad unur Mons Ġwann Azzopardi – storiku u edukatur.

| | |
|---|---|
| Post u ħin: | Mużew Wignacourt fis-6.30pm |
| Kelliem: | Is-Sur Mario Gauci |

Wara t-taħdita jkun hemm il-bejgħ tal-ktieb maħruġ sabiex jikkommemora l-ħajja ta' Dun Ġwann. Dħul b'xejn. Kulħadd huwa mħeġġeġ sabiex jattendi.

### Is-Sitt Attività Kulturali

**Inawgurazzjoni tal-wirja annwali fil-kjostru t'isfel tal-Mużew Wignacourt**

Wara t-taħdita, għal ħabta tas-7.30pm issir l-inawgurazzjoni ta' wirja tal-arti fil-kjostru t'isfel tal-Mużew Wignacourt, b'xogħlijiet tal-arti mill-Pittur Mario Sant, Rabti residenti l-Qrendi.
Isir diskors ta' apprezzament fuq ix-xogħlijiet esebiti minn Gerald Buġeja.
Wara l-inawgurazzjoni ser tingħata bibita mill-Bord tal-Fondazzjoni Paulus lill-kumitati, persuni distinti, sponsors u voluntiera fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tal-wirja u l-10 edizzjoni tal-Agape Festival mill-Fondazzjoni Paulus u fl-okkażjoni tal-festi tal-Konverżjoni u n-Nawfraġju ta' San Pawl.

### Is-Seba' Attività Kulturali

**Il-Ħadd 5 ta' Frar fl-10am** – "Guided Tour" Pawlin li jibda minn San Pawl Milqi f'Burmarrad, imur San Pawl tal-Ħġejjeġ f'San Pawl il-Baħar, jipproċedi għal San Pawl tat-Tarġa fin-Naxxar u fis-Santwarju-Grotta ta' San Pawl, ir-Rabat għall-ħabta tas-2.00pm.
Il-ftuħ tas-sit San Pawl Milqi qiegħed isir bil-koperazzjoni ta' Heritage Malta.
Prenotazzjoni (booking) għal din iż-żjara gwidata tista' ssir fuq il-facebook page tal-Fondazzjoni Paulus jew fuq l-indirizz info@fondazzjonipaulus.org sal-Ġimgħa 3 ta' Frar u/jew wara l-kunċert fil-Bażilika.
Qiegħed jintalab ħlas minimum ta' €15 kull persuna sabiex jiġu rkuprati l-ispejjeż tat-trasport bil-mini-buses u spejjeż oħra relatati ma' dan it-tour.

### It-Tmien Attività Kulturali

**L-Erbgħa 8 ta' Frar fit-8.50pm** fuq tvmnews+ – Xandira tal-kunċert annwali ppreżentat mill-Fondazzjoni Paulus u esegwit mill-Malta Philharmonic Orchestra. Dan il-kunċert speċjali sar nhar il-Ġimgħa 3 ta' Frar, 2023 fil-Bażilika ta' San Pawl tar-Rabat.

### Id-Disa' Attività Kulturali

**Il-Ħamis 9 ta' Frar** – Open Day ta' erbat (4) ijiem għall-pubbliku Malti tal-Mużew Wignacourt bi prezz ridott mill-Ħamis 9 sal-Ħadd 12 ta' Frar.

### L-Għaxar Attività Kulturali

**Il-Ġimgħa 10 ta' Frar – Jum il-Festa tan-Nawfraġju ta' San Pawl**

Fid-9am Il-membri tal-Bord tal-Fondazzjoni Paulus u l-voluntiera u ħbieb tal-istess Fondazzjoni jattendu għal Quddiesa Solenni fl-okkażjoni tal-festa tan-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta. Wara l-quddiesa jkun hemm talb fis-Santwarju-Grotta ta' San Pawl fejn hemm jiġi ppreżentat bukkett fjuri lil San Pawl mill-Fondazzjoni Paulus fis-Santwarju-Grotta.
Fi tmiem il-quddiesa solenni fil-Bażilika jinħarqu murtali u murtaletti mill-Kumpless tan-Nar San Pawl tar-Rabat. Il-ħlas tal-permessi u l-assigurazzjoni ġew imħallsa mill-Fondazzjoni Paulus.
Fid-9.45am – Fl-eventwalità li t-temp ikun jippermetti, tittella' l-inawgurazzjoni ta' wirja statika ta' vetturi antiki fil-pjazza tal-Bażilika Kolleġġjata u Proto-Parrokkjali ta' San Pawl. Il-wirja tal-vetturi antiki tittella' bejn id-disgħa ta' filgħodu sas-1.30 pm.
Daqq ta' mużika varjata minn sestet fil-pjazza tal-Parroċċa tar-Rabat.
Ikun hemm għal bejgħ ikel u ħelu minn stalls li jkun hemm armati fil-pjazza.
Fil-10.00am – Parata mill-First Rabat Scout Group li jibda mill-Pjazza ta' San Pawlu jgħaddi minn Toroq Ħal-Bajjada, De Piro, Emanuele Vitale, Santa Rita u jispiċċa quddiem il-Mużew Wignacourt.
Fl-10.30am - Kunċertin ta' mużika varjata ta' madwar 45 minuta fil-Mużew Wignacourt minn żgħażagħ Maltin u persuni b'abbiltajiet diversi li jattendu l-Malta School of Music fil-preżenza tal-Ministru għall-Inklużjoni Soċjali u l-Volontarjat, l-Onor. Julia Farrugia Portelli. Il-Pubbliku Malti huwa mistieden għal dawn l-attivitajiet kollha

MALTA SCHOOL OF MUSIC